

**Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni****(Il-Każ M.9649 — TSR Recycling/Sims Metal Management (Certain recycling assets))****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 56/07)

1. Fl-10 ta' Frar 2020, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċċera l-impriżi li ġejjin:

- TSR Recycling GmbH & Co. KG u TSR Recycling Holding GmbH (flimkien “TSR Recycling”, il-Ġermanja), li jappartjenu għall-grupp Remondis (il-Ġermanja), li finalment hija kkontrollata minn Rethmann SE & Co. KG (il-Ġermanja),
- Mirec B.V. (in-Netherlands), Sims M+R GmbH (il-Ġermanja), Sims Recycling Solutions AB (l-Isvezja), Sims Recycling Solutions Austrian Holdings GmbH (l-Awstrija) (flimkien, il-“Kumpaniji fil-Mira”), li kollha jappartjenu għal Sims Metal Management Limited (l-Istati Uniti tal-Amerka).

TSR Recycling takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll waħdani tal-Kumpaniji fil-Mira kollha kemm huma.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

- TSR Recycling: kummerċ u pproċessar ta' materjal mhux maħdum sekondarju għall-produtturi tal-azzar u l-industrija tal-funderiji. TSR Recycling tiġib, taħżen u tipproċessa scrap tal-metall u dak elettroniku. TSR Recycling toffri wkoll servizzi għar-rimi tal-iskart u servizzi ambjentali. TSR Recycling tħaddem faċilitajiet tar-riċiklaġġ fil-Ġermanja u madwar l-Ewropa,
- il-Kumpaniji fil-Mira: riċiklaġġ tal-elettronika u l-ipproċessar ta' taħlitiet tal-metall minn proċessi ta' riċiklaġġ differenti. Il-Kumpaniji fil-Mira jħaddmu faċilitajiet f'Bergkamen (il-Ġermanja), Eindhoven (in-Netherlands), Sint Niklaas (il-Belġju), Mullendorf (l-Awstrija) u Katrinenholm (l-Isvezja).

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spesifikata:

M.9649 — TSR Recycling/Sims Metal Management (Certain recycling assets)

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdiet”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.